TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur**
**CCT 278/13/MS**

**Josef Barbara**

**vs**

**Dentist Dennis Cutajar**

Illum 27 ta' Lulju, 2015

It-Tribunal

Ra t-talba tar-rikorrent ipprezentat fit-3 ta' Dicembru 2013 fejn huwa talab ir-rifuzjoni ta' elf u disa mitt Euro minnu mhallsa kif ukoll kumpens ghal danni li huwa sofra minhabba xoghol tad-dentist konvenut li skond hu, ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Ra r-risposta tal-konvenut tad-19 ta' Dicembru fejn huwa ecepixxa illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda u dan ghaliex l-eccipjenti ezercita l-professjoni tieghu bid-diligenza kollha rikjesta skond il-ligi u ghalhekk m'ghandu jhallas xejn lill-attur.

Ra d-dikjrazzjoni shiha u dettaljata dwar il-fatti tal-kaz datat 6 ta' Jannar 2014, mehmuza mar-risposta tal-konvenut.

Ra n-nomina tas-6 ta' Jannar 2014, fejn gie nominat id-dentist Dr. David Mifsud bhala tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet tal-attur bil-fakulta li jisma x-xhieda u jigbor id-dokumenti kollha mehtiega.

Ra r-rapport tat-tekniku fuq indikat pprezentat u mahluf fis-26 ta' Mejju 2014 (fol 12).

Ra l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2014, fejn fuq talba tar-rikorrent, it-Tribunal ordna li ssir l-eskussjoni tal-perit tekniku.

Ra illi l-perit tekniku wiegeb ghal dawn id-domandi bil-miktub b'nota datata 14 ta' Settembru 2014. (fol 19).

Ra illi ghalkemm il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx iktar provi, saret it-trattazzjoni u l-kawza thalliet ghas-sentenza, it-Tribunal ma kienx sodisfatt bir-risposti moghtija u rremmetiet l-atti lura lil-perit tekniku ghal relazzjoni ulterjuri tieghu. (ara verbal 1 ta' Dicembru, 2014, fol 23).

Ra illi l-perit tekniku gie eskuss fis-seduta tas-27 ta' April 2015. (fol 34)

Ra n-nota tas-sottomissjonijiet tar-rikorrent pprezentata fid-29 ta' Mejju 2015 u r-risposta tal-intimata datata 8 ta' Gunju 2015.

**Ikkunsidra**

Illi rrizulta mill-provi illi l-intimat dentista invista l-ewwel darba r-rikorrent fis-27 ta' Awissu 2012, pero qabel dan, kien qed jigi kurat minn kollega tal-intimat fl-istess klinika u dan mill-25 ta' Mejju tal-istess sena.

Illi r-rikorrent kien qed jilmenta minn problemi fis-snien illi jidhru li kienu komplikati hafna tenut kont illi t-trattament baqa' sejjer kwazi sena u nofs, sa' Ottubru tal-2013. Ir-rikorrent qed jilmenta illi l-intimat ma mexiex skond is-sengha tal-professjoni u spicca biex tilef numru ta' snien, oltre l-ugigh li kellu jissaporti ghal dan iz-zmien kollu bl-amministrazzjoni kontinwa ta' antibiotici sabiex jikkura l-infezzjonijiet illi kienu ta' spiss qed johorgu kagun tal-kondizzjoni tas-snin illi kellu.

Illi peress li t-Tribunal mhuwiex tekniku in materja, innomina tekniku fil-persuna ta' Dr. David Mifsud sabiex jiehu konjizzjoni tal-ilment tal-attur wara li jisma' lill-intimat u jirrelata lit-Tribunal.

Illi t-Tekniku rraporta lit-Tribunal li ma sab xejn hazin fl-operat professjonali tal-intimat u dan nonostante l-eskuzzjoni li saret u r-relazzjoni ulterjuri ordnata mill-istess Tribunal.

Illi r-relazzjoni tat-tekniku, oltre l-eskuzzjoni ma giex ikkontestat mir-rikorrent u t-terminu ghall-hatra ta' periti perizjuri ghadda unitilment.

**Ikkunsidra**

Illi kif tajjeb osserva l-intimat; fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu, relazzjoni ta' tekniku nominat mill-Qorti ma tistax tigi injorata minghajr raguni valida u minghajr ma jkun hemm opinjoni teknika ohra biex tmeri dik originali. Il-gurisprudenza minnu kkwotata hija korretta u dan it-Tribunal jaghmel pjena referenza.

Illi l-argument tar-rikorrent illi t-Tribunal mhuwiex marbut b'relazzjoni tekniku u jista' f'certa cirkostanzi jmur kontra dak propost jreggi biss f'kazijiet estremi meta jkun ovvju, per ezempju meta si tratta ta' zball grossolan, meta jkun ovvja li sar ingustizzja u ukoll meta jkun hemm opinjoni teknika alternattiva.

Teknikament, it-Tribunal mhuwiex marbut b'relazzjoni teknika pero' jkun perikoluz illi relazzjoni tigi skartata jew injorata kappricozament, minghajr il-komfort ta' hsieb tekniku iehor. Forsi, kien ikun differenti li kieku t-Tribunal kellu l-konfort ta' periti perizjuri, biex jergghu jezaminaw il-provi u forsi johorgu b'opinjoni differenti. Dan, pero' ma sarx u t-Tribunal ma jistax jibqa' jispekola x'seta' gara jew ma garax. Il-fatt hu illi ghandu relazzjoni wahda fuq x'hiex jibbaza l-konkluzjonijiet tieghu u ma ghandu l-ebda raguni ghal x'hiex ghandu jiddubita mill-onesta' u integrita' tal-perit tekniku nominat.

Illi gie migbud l-attenzjoni tat-Tribunal illi t-tekniku ma invistax lir-rikorrent mill-lat mediku u ghalhekk r-relazzjoni tal-espert hija monka. Apparti l-fatt illi dan il-punt tqajjem biss wara li r-relazzjoni giet ippublikata u mhux qabel (li kien ikun ahjar), kien ghalhekk li t-Tribunal rega'

irrimetta l-atti lit-tekniku sabiex jikkunsidra l-konkluzjoni tieghu. It-tekniku spjega illi minkejja li ma ezaminax lir-rikorrent, kellu informazzjoni bizzejjed kemm min-noti klinici u kemm mill-X rays biex jasal ghal konkluzzjoni tieghu. Wara kollox kienu diga lahqu ghaddew kwazi sentejn mill-ahhar vista ghand l-intimat fejn allura ezami mediku dirett ma kien se jkollu l-ebda effett fuq dak li kien gara zmien qabel u fejn allura r-rizultati tal-X Ray results li kienu saru 'a tempo vergine' kienu bizzejjed.

It-tekniku wasal ghall-istess opinjoni u rega' kkonferma l-ewwel konkluzjoni tieghu fejn irraporta li l-intimat dentist ghamel dak kollu professjonalment korrett sabiex isalva kemm jista' jkun is-snien naturali tal-attur. It-tekniku rrimarka li r-rikorrent ma kellux problema wahda fi snienu izda kien hemm *'multiple problems'*. Bit-trattamenti u *root canal treatments* li minkejja li saru b'mod korrett, fallew. Din is-sitwazzjoni baqghet tirrikorri u skond it-tekniku l-intimat ghamel minn kollox biex jipprova isalva is-snien tar-rikorrent. U kien ghalhekk li wasal ghal konkluzjoni li l-operat tal-intimat kien wiehed professjonali u skond l-arti u s-sengha.

**Ikkunsidra**

Illi stante din il-konkluzjoni mhuwiex kaz li t-Tribunal joqghod jidhol fil-kwistjoni tar-responsabbilta' tat-tabib u sa fejn din tista' twassal ghal censura ghal zbalji li jkunu saru mill-istess. Dana qed jinghad peress illi l-intimat ikkwota diversi sentenzi illi ighidu illi tabib mhuwiex tenut responsabbi ghal zbalji hlief meta dawna jkunu grossolani u turija negligenza u traskuragni kbira. Fi kwalunkwe kaz dana ma rrizultax, anzi it-tekniku wasal ghal konkluzjoni illi l-operat tal-intimat kien professjonalment korrett.

Peress illi kif gja nghad, dan it-Tribunal, m'ghandux opinjoni teknika ohra biex imeri r-rapport tekniku minnu nnominat, it-Tribunal ser joqghod fuq dawn il-konkluzjonijiet ghad-decizjoni tieghu:

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Michela Spiteri**
**Arbitru**